# QORTI KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Att t'Akkuza 3/2014

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Bernice Camilleri**

***Ommisis***

***Ommisis***

Illum 12 ta' Marzu, 2020;

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza bin-numru 3/2014 migjub kontra Ommisis, Ommisis u **Bernice Camilleri**, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru: 353789M fejn:

1. Illi fit-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sebgħa u kwart (7:15) ta' filgħaxija l-pulizija rċevew rapport mingħand James Buhagiar dwar mara

anzjana mitluqa ma l-art u mitlufa minn sensieha quddiem Nelson Apartments sitwat f'Dingli Circus ġewwa tas-Sliema. Kif il-pulizija u l-ambulanza wasslu fuq il-post sabiex din il-persuna tingħata l-assistenza, irriżulta li kienet mara anzjana senjatament Rosina Garrone ta tmenin sena (80) li instabet mixħuta mal-art, bid-demm ħiereġ minn rasha u mitlufa minn sensieha biċ-ċinga tal-basket tagħha f'idejha u li wara li ġiet meħuda l-isptar irriżultat illi kienet fil-perikolu imminenti li titlef ħajjitha. Irriżulta ukoll minn investigazzjonijiet li saru dwar dan l-akkudut li dakinar stess tat-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010), il-vittma in kwistjoni kienet ġiet misruqa bil-vjolenza minn tlett persuni li kienu qed isuqu vettura tal-għamla Fiat Uno ta' lewn skur, fejn fosthom kien hemm Omissis 1 u Omissis 2, qua ko-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi minn investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta illi dakinhar tal-inċident u senjatament ftit ħin qabel il-ko-akkużati Charlie Brincat, Omissis 2 kif ukoll persuna oħra kienu ltaqaw fejn waqt l-inkontru tagħhom kienu ftehmu bejniethom li jisirqu basket sabiex jaġġevolaw il-għada finanzjarja tagħhom u biex ikunu jistgħu jiffinanzjaw il-vizzju tagħhom tad-droga. In eżekużżjoni ta' dan il-pjan miftiehem bejniethom, għall-ħabta tas-sebgħa nieqes kwart ta' filgħaxija (18:45hrs), waqt li l-anzjana Rosina Garrone kienet fl-inħawi tad-Dingli Circus ġewwa tas-Sliema, il-ko-awtur Omissis 1bil-konsapevolezza tal-ko-awtur Omissis 2 u l-persuna 'l oħra, aggredixxa lill-vittma billi ħatfilha l-basket tagħha bil-għan li jisraq l-basket u l-kontenut tiegħu filwaqt li l-ko-awturi l-oħra inkluż l-imsemmi Omissis 2, kienu qedgħin jistennew lil Omissis 1f'karozza fl-akwati ta' fejn seħħ id-dellitt tal-għamla Fiat Uno u bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD189. Jidher li l-vittma Garrone rreżistiet għal din l-aggressjoni tant li l-ko-awtur Brincat intenzjonalment

uża forza fisika fil-konfront tagħha sabiex joħdilha l-basket u filfatt imbotta bis-saħħa sabiex jasal għall-għan tiegħu kif miftiehem mal-ko-awturi l-oħra, tant li Garrone waqgħet mal-art u ntilfet minn sensieha. Irriżulta li hi filfatt subiet feriti gravissimi senjatament frattura fil-*pelvis*, frattura tal-għadma t-twila tas-sieq kif ukoll *subdural heamatoma* f'moħħha kompatibbli ma *blunt trauma* fejn kienet ġiet iċċertifikata li kienet fil-perikolu tal-mewt kaġun ta' dawn il-ġrieħi li subiet mill-aggressjoni magħmula kontriha mill-ko-akkużati msemmija u filfatt Garrone kellha anki tiġi operata. Sfortunatament dawn il-ġrieħi tant kienu gravi li ftit ġranet wara dan is-serq aggravat u ċioe` preċiżament fl-erbatax (14) ta' Diċembru tal-istess sena elfejn u għaxra (2010) il-vittma Garrone ma felħitx iktar għal gravita' ta' dawn il-feriti kkaġunati u ċirkostanzjalment u minħabba fihom, tilfet ħajjitha. Jidher ukoll li l-ko-akkużati msemmija u l-persuna oħra qua ko-awturi kienu anki ppjanaw li jisirqu l-fond tal-vittma Garrone wara li fil-basket tagħha kienu sabu ċ-ċwievet tar-residenża tagħha kif ukoll il-karta tal-identita' tagħha bid-dettalji dwar l-indirizz tagħha, apparti xi flus, iżda dan il-pjan ma ġiex eżegwit da parti tagħhom.

Illi b'għemilhom l-imsemmija ko-akkużati Omissis 1u Omissis 2 saru ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża gravi) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin u in oltre meta l-offiża gravi fuq il-persuna tal-vittma Rosina Garrone kkawżat il-mewt ta' l-istess u dan minħabba fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali wara, u dan fi żmien erbgħin ġurnata (40) li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt;

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Omissis 1mogħtija bejn l-14 ta' Marzu 2001 u April 2009 mogħtija minn diversi Maġistrati fosthom sentenzi dwar reati ta serq u fl-ismijiet Pulizija vs Omissis 2 mogħtija fis-17 ta' Marzu 2006 mill-Maġistrat Jaqueline Padovani (serq) fid-29 ta' Lulju tas-sena 2008 mill-Maġistrat Doreen Clarke, fit-22 ta' Ġunju 2009 mill-Maġistrat Audrey Demicoli (Serq) u fit-18 ta' Jannar 2010 mill-Maġistrat illum Imħallef Dr. Lawrence Quintano (droga) l-imsemmija ko-akkużati Omissis 1kif ukoll Omissis 2 instabu ħatja ta' diversi reati fosthom reati ta' serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Omissis 1u Omissis 2 reċidivi f'delitt, ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża gravi) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin u in oltre meta l-offiża gravi fuq il-persuna tal-vittma Rosina Garrone kkawżat il-mewt ta' l-istess u dan minħabba fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali wara, u dan fi żmien erbgħin ġurnata (40) li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija mhux inqas minn tmien snin (8) u mhux iktar minn tletin sena (30) biż-żieda tal-piena ta' rekluzjoni għal mhux aktar minn tnax il-perijodu kull wieħed skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 272A(1)(a)(i), 274(a), 276, 276A, 277(a), 281(a), 49, 50, 289, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Illi fiċ-ċirkostanzi formanti l-mertu tal-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` nhar it-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tas-sebgħa nieqes kwart ta' filgħaxija (18:45) ġewwa tas-Sliema, irriżulta li kien hemm ukoll persuna oħra fil-kumpanija ta' Omissis 1u Omissis 2 li mill-istħarriġ ġiet identifikata bħala Bernice Camilleri qua ko-akkużata f'dawn l-istess proceduri. Irriżulta li Camilleri kienet konsapevoli u xjentement u volontarjament ko-parteċipi fl-inċident formanti l-mertu tal-ewwel Kap ta' din l-att tal-akkuża liema reat ta' serq vjolenti kkaġuna l-mewt tal-anzjana Rosina Garrone kif debitmant deskritt fid-dettalji kollha fl-istess kap indikat u fl-istadji kollha tal-attivazzjoni tagħha.

Illi b'għemilha Bernice Camilleri saret ħatja ta'serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża gravi) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin u in oltre meta l-offiża gravi fuq il-persuna tal-vittma Rosina Garrone kkawżat il-mewt ta' l-istess u dan minħabba fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali wara, u dan fi żmien erbgħin ġurnata (40) li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Bernice Camilleri, ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża gravi) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin u in oltre meta l-offiża gravi fuq il-persuna tal-vittma Rosina Garrone kkawżat il-mewt ta' l-istess u dan minħabba fin-natura jew fil-konsegwenzi naturali tal-offiża u mhux għal xi kawża aċċidentali wara, u dan fi żmien erbgħin

ġurnata (40) li jibdew jgħoddu mill-aħħar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt;; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużata illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' priġunerija għal mhux inqas minn tmien snin (8) u mhux iktar minn tlettin (30) sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 272A(1)(a)(i), 274(a), 276, 276A, 277(a), 281(a), 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużata.

3. Illi in segwitu għaċ-ċirkostanzi li seħħew kif deskritti fl-ewwel Kapi ta' din l-att tal-akkuża u ċioe' nhar it-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) ġewwa tas-Sliema, l-ko-akkużati Brincat u Attard flimkien ma terza persuna ukoll akkużata f'dawn l-istess proceduri pproċedew sabiex jeżegwixxu serqa oħra minn mara anzjana oħra ta' tmienja u tmenin sena (88) li fil-mument ta' dan ir-reat kienet fi Triq Manwel Dimech ġewwa tas-Sliema flimkien man-neputijiet tagħha, li f'dak il-waqt kienu qedgħin jassistuha biex taqsam it-triq. Filfatt irriżulta illi għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8:15pm) dakinhar tat-8 ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) waqt li Maria Cassar (l-vittma ta' din is-serqa) kienet qed tistenna biex taqsam, avviċinata persuna maskili li kien qed jagħti wiċċu billi tella l-ġlekk li kien liebes dak il-ħin fuq rasu u fil-pront dan l-individwu ħatfilha l-basket minn spallejha fejn is-Sinjura Cassar kellha l-effetti personali tagħha fosthom ċ-ċwievet u t-telefon ċellulari tagħha tal-għamla Nokia. Effettivament il-vittma ġiet imweġġa fi spallitha minħabba din l-aggressjoni fil-konfront tagħha apparti li ħadet qatgħa kbira b'li kienet subiet. Wara din l-aggressjoni l-ħalliel telaq jiġri fid-direzzjoni ta' Triq Santa Marija li jinstab kantuniera l-bogħod minn Triq Manwel Dimech u filfatt allavolja ġie segwit minn

waħda minn neputijiet tas-sinjura Cassar (Antoinette Fava) il-ħalliel irnexxielu jaħrab.

Illi meta l-ko-akkużati Brincat u Attard ġew mitkellma kkonfermaw li filfatt wara li kienu marru jixtru d-droga mill-Cottonera bil-flus li kienu serqu mis-sinjura Garrone ftit tal-ħin qabel u kif ġie spjegat fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-akkuża, kienu rritornaw lura tas-Sliema fil-kumpanija ta persuna oħra qua ko-akkużata f'dawn l-istess proċeduri u lkoll ko-awturi, fejn ftiehmu li jeżegwixxu s-serqa kontra l-persuna ta' Maria Cassar u b'hekk ikkonfermaw l-involivment tagħhom fil-fatti kif hawn fuq ipprospettati.

Illi b'għemilhom l-imsemmija ko-akkużati Omissis 1u Omissis 2 saru ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti fosthom telefon ċellulari tal-għamla Nokia, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża ħafifa) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin (Maria Cassar);

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Omissis 1mogħtija bejn l-14 ta' Marzu 2001 u April 2009 mogħtija minn diversi Maġistrati fosthom sentenzi dwar reati ta serq u fl-ismijiet Pulizija vs Omissis 2 mogħtija fis-17 ta' Marzu 2006 mill-Maġistrat Jaqueline Padovani (serq) fid-29 ta' Lulju tas-sena 2008 mill-Maġistrat Doreen Clarke, fit-22 ta' Ġunju 2009 mill-Maġistrat Audrey Demicoli (Serq) u fit-18 ta' Jannar 2010 mill-Maġistrat illum Imħallef Dr. Lawrence Quintano (droga) l-imsemmija ko-akkużati Omissis 1kif ukoll Omissis 2 instabu ħatja ta' diversi reati fosthom reati ta' serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Omissis 1u Omissis 2 reċidivi f'delitt, ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti fosthom flus kontanti, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża ħafifa) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin (Maria Cassar); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' priġunerija mhux inqas minn sentejn (2) u mhux iktar minn tletin sena (30) liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 274(c), 276A, 277(a), 281(a), 49, 50, 289, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Illi fiċ-ċirkostanzi formanti l-mertu ta' din l-Att tal-Akkuża, partikolarment b'referenza għat-tielet kap ta' din l-Att tal-akkuża u ċioe` nhar it-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tat-tmienja u kwart (8:15pm) ta' filgħaxija ġewwa tas-Sliema, irriżulta li kien hemm ukoll persuna oħra fil-kumpanija ta' Omissis 1u Omissis 2 li mill-istħarriġ ġiet identifikata bħala Bernice Camilleri qua ko-akkużata f'dawn l-istess proceduri. Irriżulta li Camilleri kienet ukoll konsapevoli u xjentement u volontarjament ko-parteċipi fl-inċident formanti l-mertu tat-tielet Kap ta' din l-att tal-akkuża liema reat ta' serq vjolenti sar kontra l-persuna tal-mara anzjana Maria Cassar kif debitmant deskritt fid-dettalji kollha fl-istess kap indikat u fl-istadji kollha tal-attivazzjoni tagħha.

Illi b'għemilha Bernice Camilleri saret ħatja ta'serq ta' diversi oġġetti fosthom telefon ċellulari, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika,

offiża ħafifa) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena (il-vittma Maria Cassar);

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Bernice Camilleri, ħatja ta' serq ta' diversi oġġetti fosthom telefon ċellulari, liema serqa hija aggravata bil-ħin (bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx) u bil-vjolenza (numerika, offiża ħafifa) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena (il-vittma Maria Cassar); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużata illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' priġunerija għal mhux inqas minn sentejn (2) u mhux iktar minn tnax -il sena (12) liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 274(c), 276A, 277(a), 281(a), 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużata.

5. Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża,u ċioe` nhar it-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa u kwart (7:15pm) u t-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8:15pm), wara s-serqa li ġiet kommessa fuq il-persuna u l-propjeta` tas-sinjura Garrone li sfortunatament mietet ftit ġranet wara kaġun tal-feriti sofferti waqt aggressjoni li subiet fil-kors tas-serqa fil-konfront tagħha mill-akkużati f'din il-proċedura, u qabel is-serqa bi vjolenza li ġiet kommessa kontra l-persuna u l-propjeta ta' mara anzjana oħra Maria Cassar kif deskritt fit-tielet kap ta' din l-att tal-akkuża, irriżulta li l-ko-akkużati Brincat u Attard flimkien ma terza persuna wkoll ko-akkużata f'dawn il-proċeduri u lkoll ko-awturi, marru l-Cottonera sabiex jixtru u jagħmlu użu mid-droga kokajina u

dan permezz tal-flus li kienu għadhom kif serqu mingħand is-Sinjura Garrone. Effettivament is-serqiet kommessi kienu intenzjonati bil-għan li l-ko-akkuzati Brincat u Attard flimkien ma terza persuna ukoll ko-akkużata u ilkoll ko-awturi f'dawn il-proċeduri, jaġġevolaw il-għada finanzjarja tagħhom biex ikunu jistgħu jiffinanzjaw il-vizzju tagħhom tad-droga. Filfatt meta l-ko-akkużati Brincat u Attard ġew mitkellma mill-pulizija kkonfermaw li kienu xtraw id-droga kokajina mill-inħawi tal-Bormla jew Cottonera sabiex jabbużaw minnha, qabel ma kkomettew it-tieni serqa kontra Maria Cassar li seħħet bl-istess intendiment tal-ewwel serqa. Id-droga kokajina hija sustanza perikoluża u illegali taħt il-liġi tagħna u x-xiri, l-pussess u l-użu tiegħu huwa llegali f'pajjiżna.

L-akkużati Omissis 1 u Omissis 2 ma' kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettilhom ikollhom fil-pussess tagħhom din is-sustanża perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilhom Omissis 1u Omissis 2, saru ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżatili jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienux awtoriżżati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-

droga ma' ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Omissis 1 mogħtija bejn l-14 ta' Marzu 2001 u April 2009 mogħtija minn diversi Maġistrati fosthom sentenzi dwar reati ta serq u fl-ismijiet Pulizija vs Omissis 2 mogħtija fis-17 ta' Marzu 2006 mill-Maġistrat Jaqueline Padovani (serq) fid-29 ta' Lulju tas-sena 2008 mill-Maġistrat Doreen Clarke, fit-22 ta' Ġunju 2009 mill-Maġistrat Audrey Demicoli (Serq) u fit-18 ta' Jannar 2010 mill-Maġistrat illum Imħallef Dr. Lawrence Quintano (droga) l-imsemmija ko-akkużati Omissis 1kif ukoll Omissis 2 instabu ħatja ta' diversi reati fosthom reati ta' serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Omissis 1 u Omissis 2, reċidivi f'delitt, ħatja talli, kellhom fil-pussess tagħhom id-droga kokajina meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienux bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenza mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienux awtorizzati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollhom dik id-droga ma' ġietx fornita lilhom għall-użu tagħhom skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużati u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' mhux inqas minn tnax-il xahar (12) iżda mhux iżjed minn tnax –il sena (12) u multa ta' mhux inqas minn erba' mija

u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

6. Illi b'referenza għall-fatti u għaċ-ċirkostanzi formanti l-mertu tal-Kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, partikolarment il-ħames kap ta' din l-Att tal-akkuża u ċioe` nhar it-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta bejn is-sebgħa u kwart (7:15pm) u t-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8:15pm), irriżulta li Bernice Camilleri ukoll ko-akkużata f'dawn il-proċeduri kienet ukoll fil-kumpanija ta' Omissis 1u Omissis 2 meta dawn marru jixtru d-droga kokajina li hija sustanza illegali u perikoluza skond il-liġijiet ta' pajjiżna. Irriżulta li Camilleri kienet ukoll konsapevoli u xjentement u volontarjament ko-parteċipi fix-xiri bil-flus misruqa mis-Sinjura Garrone tas-sustanza msemmija u għaldaqstant kienet fil-pussess tas-sustanza kokajina flimkien mal-ko-akkużati Brincat u Attard għal xi ħin qabel ma ġiet kommessa t-tieni serqa kontra l-persuna u l-propjeta` ta' Maria Cassar kif deskritt fit-tielet u fir-raba' kapi ta' din l-Att tal-Akkuża.

Illi anki f'dan il-każ Bernice Camilleri ma kienitx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettilha jkollha fil-pussess tagħha din is-sustanża perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilha Bernice Camilleri, saret ħatja talli, kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kienitx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienitx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizżata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienitx awtorizżata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Bernice Camilleri, ħatja talli, kellha fil-pussess tagħha d-droga kokajina meta ma kienitx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienitx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizżata li timmanifattura jew tforni id-droga msemmija, u ma kienitx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma kienitx awtorizżata bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilha għall-użu tagħha skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużata u illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' mhux inqas minn tnax -il xahar (12) iżda mhux iżjed minn għaxar snin (10) u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin

ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija ko-akkużata.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzata Bernice Camilleri pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 t'April, 2014 li biha eccepiet:

1. *Illi fl-ewwel lok l-esponenti teccepixxi n-nullita' tad-dokument CP9 rapprezentanti "Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd ghal-Parir Legali" esebit fl-4 ta' Dicembrtu 2012 u dan stante li l-imsemmi jindika li saritx spjegazzjoni cara tad-drittijiet tal-eccipjenti u anqas tar-rejati li kienet qieghda tigi akkuzata bihom u konsegwentement ghandu jigi sfilzat.*
2. *Illi fit-tieni lok ghandhom jigu estromessi mill-process l-partijiet mix-xhieda tal-prosekuzzjoni senjatament dawk tal-Ispettur Christopher Pullicino u l-Ispettrici Anne Maria Micallef fejn t-tnejn stqarrew li hadu lill-esponenti fuq l-allegata xena tad-delitt u dan ghax sar minghajr ma gie spjegat lill-imputata d-dritt tas-silenzju taghha u l-konsegwenzi tal-agir taghha.*
3. *Illi fit-tielet lok l-esponenti tecepixxi n-nullita tad-dokumenti CP3 u CP4 li gew esebiti bhala l-istqarrijiet taghha u dan stante li la inghatat it-twissija kif formalment rikjest u anqas dik kif provduta fl-artikolu 355AT.*

Semghet is-sottomisjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

1. Illi bl-ewwel eccezzjoni taghha, l-akkuzata tattakka il-validita' tad-dokument esebit in atti bhala Dok CP9 li jinsab a fol. 484 tal-atti processwali. Dan id-dokument jikkonsisti f'dikjarazzjoni tal-akkuzata maghmula lil zewg spetturi tal-Pulizija li bih ddikjarat li kienet qed tirrifjuta d-dritt li titkellem ma' avukat jew prokuratur legali qabel l-interrogatorju taghha.

2. Ghal kull buon fini il-kontenut ta' dan id-dokument intestat Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd ghal Parir Legali, qed ikun hawn riprodott:

*Wara li jiena* ***Bernice Camilleri*** *gejt arrestata in konnessjoni ma' reat ta'* ***feriti serq aggravat bi vjolenza li wasslet ghall-mewt ta' Antonia Garroni li sehh nhar it-08 ta' Dicembru 2020 u xi reati ohra*** *li jistghu johorgu matul il-kors ta' din l-investigazzjoni u gejt informata mill-Ispettur Daniel Zammit li jien ghandi il-jedd, jekk hekk nitlob, li qabel ma issirli xi interrogazzjoni nithalla kemm jista' jkun malajr nikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon, ghal mhux aktar minn siegha zmien, qieghed niddikjara li jiena qieghda nirrinunzja milli nezercita dan id-dritt.*

3. Fit-tarf ta' din id-dikjarazzjoni hemm il-firma tal-istess Bernice Camilleri, dik tal-Ispettur Daniel Zammit, l-Ispettur Anna Marie Micallef u ta' PC 643 Jesmond Delicata bit-data tat-18 ta' Dicembru, 2010 u l-hin 20:00 hrs;

4. Ir-raguni ghaliex l-akkuzata qed titlob in-nullita' ta' dan id-dokument hija wahda duplici: "stante li l-imsemmi [dokument] jindika li ma saritx spjegazzjoni cara tad-drittijiet

tal-eccipjenti u anqas tar-rejati li kienet qieghda tigi akkuzata bihom". Ezaminat id-dokument in kwistjoni, huwa minnufih evidenti illi l-akkuzata kien spjegat lilha sia id-dritt li tkellem avukat jew prokuratur tax-xelta taghha qabel biss isirilha xi interrogatorju kif ukoll illi r-raguni ghaliex kien ser isirilha l-interrogatorju proprju ghaliex kienet arrestata dwar feriti, serq aggravat bi vjolenza li wasslet ghall-mewt ta' Antonia Garroni inkluz id-data tal-allegati reati. Dan id-dritt llum huwa regolat bl-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali promulgat bl-Att LI tal-2016 mahsub biex jaghmel trasposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 t'Ottubru 2013.

5. Dan l-Att fil-verita' ssostitwixxa id-dritt ghall-assistenza legali originarjament promulgat bl-Att III tal-2002 li fl-artikolu 355AT kien jaqra hekk:

"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinzamm taht il-kustodja tal-Pulizija f'xi Ghassa jew f'xi post iehor ta' detenzjoni awtorizzat ghandha, jekk hija hekk titlob, tithalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon, ghal mhux iktar minn siegha zmien. Kemm jista jkun malajr qabel ma tibda tigi interrogata, l-persuna taht kustodja ghandha titgharraf mill-Pulizija bid-drittijiet li ghandha taht dan is-subartikolu.

6. Issa, minkejja li dan id-dritt kien pomulgat fis-sena 2002, dahal biss fis-sehh fis-sena 2010 proprju fl-Avviz legali 35 tal-2010 li ffissa d-data li fih ghandu jidhol fis-sehh l-artikolu 355AT bhala l-10 ta' Frar tal-2002. Id-dikjarazzjoni kontenenti id-Dok CP9 ggib d-data tat-18 ta' Dicembru 2010. Din turi r-raguni tal-arrest u d-dritt tal-arrestata ghall-assistenza legali u

ghalhekk ma hemm ebda nullita' f'dan id-dokument. L-effetti ta' tali dikjarazzjoni fiz-zmien meta inghatat, inkluz allura d-dritt tal-inferenza fit-termini tal-artikolu 355AU ezistenti dak iz-zmien u mhassar sussegwentement bl-Att LI.2016 hija kwistjoni differenti. Ghal fini ta' din l-eccezzjoni, izda, ma hemm xejn irregolari fid-Dokument CP9 u ghalhekk l-istess eccezzjoni qed tkun michuda;

7. Fit-tieni eccezzjoni, l-akkuzata titlob li tkun estromessa dik il-parti tax-xhieda tal-Ispettur Christopher Pullicino u tal-Ispettur Anna Marie Micallef kull fejn tirreferi ghat tehid tal-akkuzata fuq l-allegata xena tad-delitt. Ir-raguni ghal din hi li ma kienx spjegat lilha d-dritt tas-silenzju. Din l-eccezzjoni hija prettament marbuta mat-tielet wahda li fiha l-akkuzata titlob l-isfilz taz-zewg stqarrijiet taghha esebiti bhala Dok CP3 u CP4 ghar-raguni li la inghata t-twissija kif formalment rikjest u anqas dik kif provdut fl-artikolu 355AT tal-Kodici Kriminali. Ir-raguni ghaliex din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni hija *quid unum* hi li d-dritt tas-silenzju jinkludi mhux biss dak li tibqa' sieket mill-aspett vokali izda ukoll li taghmel kull haga ohra li biha tista' tinkrimina ruhek, inkluz ghalhekk li turi lill-min qed jinterrogak il-post fejn allegatamant kien kommess id-delitt;

8. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, tajjeb li jkun senjalat ukoll illi dawn l-eccezzjonijiet kienu sollevati fis-sena 2014 meta allura kien ghadu in esistenza l-artikolu 355AT kif originarjament promulgat liema artikolu kien mibdul b'tali mod li kien sostitwit bl-Att LI tal-2016 li dahhal id-dritt li persuna suspettata tkun assistita waqt l-interrogatorju bil-presenza fizika tal-avukat jew prokuratur legali tul l-interrogatorju kollu u mhux biss sa siegha permezz ta' telefon jew wicc imb'wicc <u>qabel</u> l-interrogatorju. Dawn l-eccezzjonijiet ghalhekk issa

jehtieg li jkunu konsiderati fl-ambitu tad-tibdil fil-ligi kif ukoll fl-evoluzzjoni gurisprudenzjali in rigward;

9. Ghar-rizoluzzjoni ta' din il-materja certament li ghandu jkun hemm qbil dwar li l-istqarrijiet tal-akkuzata ttiehdu fi zmien meta suspettat kellu d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ghal zmien mhux aktar minn siegha qabel l-interrogatorju bl-avukat jithalla barra waqt l-interrogatorju u bid-dritt ta' inferenza f'kaz illi ikun uzufruwit id-dritt tal-parlatorju. Issa li tnehha d-dritt tal-inferenza jinghad li kien verament stramb kif suspettati jkun spjegat lilhom li ghandhom id-dritt li jitkellmu ma' avukat u fl-istess waqt li dak igib mieghu id-dritt tal-inferenza ghal liema decizzjoni ghalhekk is-suspettat jehtieg jiddeciedi jekk hux ahjar li ma jkellem ebda avukat halli dan ma jgibx mieghu id-dritt tal-inferenza. Anke sabiex jkun spjegat dan id-dritt jehtieg il-presenza ta' avukat izda b'dik il-presenza tiskatta l-inferenza. Fortunatament din l-anomalija llum m'ghadhiex aktar in ezistenza fil-Kodici Kriminali taghna;

10. Ventilat dan, il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Rio Micallef et tat-3 t'April, 2019 li titratta dwar materja konsimili u li fiha l-Qorti kkonfermat id-decizzjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta li fiha kienet laqghet it-talba tal-akkuzati ghall-isfilz tal-istqarrijiet taghhom maghmula qabel l-Att LI tal-2016. Dik is-sentenza kienet tistrieh maggorment fuq is-sentenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Borg v Malta (37537/13) moghtija mill-Grand Chamber fit-2 ta' Jannar, 2016 u dik tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Aldo Pistella tal-14 ta' Dicembru, 2018 (Rik 104/2016/1). Minn dakinhar, izda, kien hemm aspett evoluttiv iehor f'din il-materja kif rifless fis-sentenza tal-istess Qorti Ewropea fl-ismijiet Farrugia vs Malta (63041/13) tal- 4 ta'

Gunju 2019. Din tal-ahhar donnu tirrovexxja l-*quid juris* lura ghal-hsieb kif enuncjazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali tat-8 t'Ottubru, 2012 kritikata mill-Qorti ta' Strasbourg bhala interpretazzjoni restrittiva tas-sentenza taghha Salduz v Turkey.

11. Issa skont is-sentenza Farrugia vs Malta, mhux kull stqarrija moghtija minghajr presenza tal-avukat waqt l-interrogatorju ghandha tkun skartata u dan jiddependi minn sensiela ta' fatturi bhal per ezempju l-vulnerabilita' tal-interrogat, l-eta u jekk dik l-istqarrija tkunx l-uniku prova kontra l-akkuzat, ossia jekk tkunx tali li jista' jkollha "an overall effect on the proceedings". Din il-Qorti issa sabet ruhha f'sitwazzjoni fejn llum tista takkolji talba ghall-isfilz ta' stqarrija u l-ghada tkun rinfaccjata b'decizjoni fejn l-isfilz ma huwiex wiehed awtomatiku anke fejn ikun hemm "a systematic breach of pre-trial proceedings". L-incertezza legali fiha nnifisha hija ukoll konducenti ghall-potenzjali nuqqas ta' smiegh xieraq bil-konsegwenza li f'kawza tista' tkun ordnata l-isfilz tal-istqarrija u f'kawza ohra bl-istess parametri tista' tkun michuda bit-tnejn jinstemghu fl-istess epoka;

12. Issa, fis-sottomissjonijiet mill-abbli avukat difensur l-akkuzata kkwalifikat it-talba taghha ghal dikjarazzjoni ta' nullita' tal-istqarrijiet taghha f'wahda ta' inammissbilita' tal-istqarrijiet u ta' dak kollu li intqal lill-Pulizija meta ma kienitx legalment assistita. Anke jekk l-akkuzata inghatat il-fakulta li tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju, liema facilita' kienet limitata ghal-siegha telefonikament jew wicc imb'wicc izda mhux waqt l-interrogatorju, dan ma jissodisfax ir-rekwizit fir-Direttiva 2013/48 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif trasposta fl-artiki 355AS tal-Kodici Kriminali. Tenut kont li dawn l-istqarrijiet u d-dikjarazzjonijiet taghha meta write il-post

tal-allegat delitt lill-pulizija saru fis-sena 2014 jigifieri qabel l-Att L1 tal-2016, il-Qorti ser tilqa' dawn iz-zewg eccezzjonijiet;

13. Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni, qed tilqa' it-tieni u t-tielet eccezzjoni u konsegwentement tordna l-isfilz tad-dokumenti mmarkati CP3 u CP4 u tal-kull referenza fejn tidher fid-deposizzjoni tal-Ispettur Christopher Pullicino u l-Ispettur Anna Marie Micallef riferibilment fejn jghidu li l-akkuzata uriethom fejn allegatament sehh id-delitt.

.